

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2022**

**tal-1 ta' Ottubru 2019**

**li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-platti domestiċi skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1016/2010**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 315, 5.12.2019, p. 267)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/341 tat-23 ta' Frar 2021	L 68	108	26.2.2021



## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2022

tal-1 ta' Ottubru 2019

li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-platti domestiċi skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1016/2010

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

### Artikolu 1

#### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta' magni tal-ħasil tal-platti domestiċi li jaħdmu bil-mejns tal-elettriku, inklużi magni tal-ħasil tal-platti domestiċi inkorporati u magni tal-ħasil tal-platti domestiċi li jaħdmu bil-mejns tal-elettriku u li jistgħu jitħaddmu wkoll bil-batteriji.
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:
  - (a) magni tal-ħasil tal-platti fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE;
  - (b) magni tal-ħasil tal-platti domestiċi li jitħaddmu bil-batteriji u li jistgħu jittqabdu mal-mejns tal-elettriku permezz ta' konvertitur AC/DC li jinxtara separatament.

### Artikolu 2

#### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "mejns" jew "mejns tal-elettriku" tfisser il-provvista tal-elettriku mill-grilja ta' 230 ( $\pm$  10 %) volt ta' kurrent alternat b'50 Hz;
- (2) "magna tal-ħasil tal-platti domestika" tfisser magna li tnaddaf u tlaħlaħ pożati u reċipjenti għal fuq il-mejda, u li fid-Dikjarazzjoni tal-Konformità hija ddikjarata mill-manifattur li hija konformi mad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> jew mad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>;
- (3) "magna tal-ħasil tal-platti domestika inkorporata" tfisser magna tal-ħasil tal-platti domestika li tkun iddisinjata, ittestjata u kkummerċjalizzata b'mod esklussiv:
  - (a) biex tiġi installata f'kabinett jew imdawwra (minn fuq, taħt u l-għnub) b'pannelli;
  - (b) biex titwaħħal sod mal-għnub, mal-parti ta' fuq jew mal-parti ta' taħt ta' kabinett jew ma' pannelli; u

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

**▼B**

- (c) biex tkun mgħammra b'wiċċ integrali b'finitura tal-fabbrika jew b'pannell frontali magħmul għall-esiġenzi tal-individwu;
- (4) “mudell ekwivalenti” tfisser mudell li jkollu l-istess karatteristiċi tekniċi rilevanti fir-rigward tal-informazzjoni teknika li trid tingħata, iżda li jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz mill-istess manifattur, importatur jew rappreżentant awtorizzat bħal mudell ieħor b'identifikatur differenti tal-mudell;
- (5) “identifikatur tal-mudell” tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' prodott minn mudelli oħrajn bl-istess trademark jew bl-istess isem tal-manifattur, tal-importatur jew tar-rappreżentant awtorizzat;
- (6) “bażi tad-data tal-prodotti” tfisser ġabra ta' data li tikkonċerna l-prodotti, li tkun irranġata b'mod sistematiku u li tikkonsisti minn parti pubblika orjentata lejn il-konsumaturi, fejn l-informazzjoni li tikkonċerna l-parametri tal-prodotti individwali tkun aċċessibbli b'mezzi elettroniċi, portal online għall-aċċessibbiltà u minn parti dwar il-konformità, b'rekwiżiti ta' aċċessibbiltà u ta' sigurtà speċifikati b'mod ċar, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2017/1369;
- (7) “programm” tfisser serje ta' operazzjonijiet definiti minn qabel u li huma ddikjarati mill-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat bħala xierqa għal livelli speċifikati ta' ħmieġ jew ta' tipi ta' tagħbija, jew it-tnejn;
- (8) “eco” tfisser l-isem tal-programm ta' magna tal-ħasil tal-platti domestika ddikjarat mill-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat bħala adattat għat-tindif ta' oġġetti tal-mejda li ma jkunux maħmuġin aktar min-normal, u li għalih jirrelataw ir-rekwiżiti tal-ekodisinn dwar l-effiċjenza enerġetika u l-prestazzjoni tat-tindif u tat-tnixxif.

Fl-Anness I jingħataw aktar definizzjonijiet għall-finijiet tal-annessi.

### *Artikolu 3*

#### **Rekwiżiti tal-ekodisinn**

Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti fl-Anness II għandhom japplikaw mid-dati indikati fih.

### *Artikolu 4*

#### **Valutazzjoni tal-konformità**

1. Il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/125/KE għandha tkun is-sistema tal-kontroll intern tad-disinn stabbilita fl-Anness IV ta' dik id-Direttiva jew is-sistema ta' ġestjoni stabbilita fl-Anness V ta' dik id-Direttiva.
2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/125/KE, id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi l-valuri dikjarati tal-parametri elenkati fil-punti 2, 3 u 4 tal-Anness II u d-dettalji u r-riżultati tal-kalkoli mwettqa skont l-Anness III.
3. Meta l-informazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni teknika għal mudell partikolari tkun inkisbet:

**▼B**

- (a) minn mudell li jkollu l-istess karatteristiċi tekniċi rilevanti fir-rigward tal-informazzjoni teknika li għandha tiġi pprovduta iżda huwa mudell prodott minn manifattur differenti, jew
- (b) permezz ta' kalkolu abbażi ta' disinn jew estrapolazzjoni minn mudell ieħor tal-istess manifattur jew ta' manifattur differenti, jew it-tnejn li huma,

id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi d-dettalji ta' tali kalkolu, il-valutazzjoni mwettqa mill-manifattur biex tiġi vverifikata l-preċiżjoni tal-kalkolu u, fejn xieraq, id-dikjarazzjoni ta' identità bejn il-mudelli ta' manifatturi differenti.

Id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi lista tal-mudelli ekwivalenti kollha, inkluż l-identifikaturi tal-mudell.

4. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi l-informazzjoni fl-ordni u kif stabbilit fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2019/2017. Għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq, il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-punt 2 (g) tal-Anness IV tad-Direttiva 2009/125/KE, jirreferu għad-dokumentazzjoni teknika mtella' fil-bażi tad-*data* tal-prodotti li fiha l-istess tagħrif stipulat fir-Regolament (UE) 2019/2017.

*Artikolu 5***Proċedura ta' verifika għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq**

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura ta' verifika stabbilita fl-Anness IV meta jwettqu l-kontrolli ta' sorveljanza tas-suq imsemmija fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/125/KE.

**▼M1***Artikolu 6***Ċirkonvenzjoni u aġġornamenti tas-software**

Il-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat ma għandux iqiegħed fis-suq prodotti ddisinjati biex ikunu kapaċi jindunaw li qed jiġu ttestjati (pereżempju billi jirrikonossu l-kundizzjonijiet tat-test jew iċ-ċiklu tat-test) u biex jirreaġixxu b'mod speċifiku billi jbiddu awtomatikament il-prestazzjoni tagħhom matul it-test bl-għan li jintlaħaq livell aktar favorevoli għal kwalunkwe wieħed mill-parametri fid-dokumentazzjoni teknika jew inklużi fi kwalunkwe dokumentazzjoni pprovduta.

Il-konsum tal-enerġija tal-prodott u kwalunkwe parametru ieħor iddikjarat ma għandux jiddeterjora wara aġġornament tas-software jew tal-firmware meta jitkejjel bl-istess standard tat-test użat oriġinarjament għad-dikjarazzjoni tal-konformità, ħlief bil-kunsens espliċitu tal-utent aħħari qabel l-aġġornament. Ma għandu jsir l-ebda tibdil fil-prestazzjoni minħabba r-rifjut tal-aġġornament.

Aġġornament tas-software qatt ma għandu jkollu l-effett li jbiddel il-prestazzjoni tal-prodott b'mod li jagħmlu mhux konformi mar-rekwiżiti tal-ekodisinn applikabbli għad-dikjarazzjoni tal-konformità.



*Artikolu 7*

**Parametri referenzjarji indikattivi**

Il-parametri referenzjarji indikattivi għall-prodotti u t-teknoloġiji bl-aqwa prestazzjoni li jkunu disponibbli fis-suq fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament huma stipulati fl-Anness V.

*Artikolu 8*

**Rieżami**

Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku u għandha tippreżenta r-riżultati ta' dan ir-riżami, inkluż, jekk ikun xieraq, abbozz ta' proposta għal reviżjoni lill-Forum Konsultattiv sal-25 ta' Diċembru 2025.

Ir-riżami għandu jiffoka b'mod partikolari fuq dan li ġej:

- (a) il-potenzjal għal titjib fir-rigward tal-prestazzjoni enerġetika u ambjentali tal-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi, filwaqt li titqies, inter alia, il-prestazzjoni tat-tnixxif;
- (b) il-livell tat-tolleranzi tal-verifika;
- (c) valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-imġiba tal-konsumaturi u tar-rata ta' penetrazzjoni tal-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi fl-Istati Membri tal-UE;
- (d) l-effikaċja tar-rekwiżiti eżistenti dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi;
- (e) l-adekwatezza li jiġu stabbiliti rekwiżiti addizzjonali dwar l-effiċjenza fir-riżorsi għall-prodotti skont l-oġettivi tal-ekonomija ċirkolari, inkluż jekk għandhomx jiġu inklużi aktar spare parts.

*Artikolu 9*

**Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1275/2008**

Fil-punt 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1275/2008, l-entrata "Magni għall-ħasil tal-platti" titħassar.

*Artikolu 10*

**Tħassir**

Ir-Regolament (UE) Nru 1016/2010 jitħassar b'effett mill-1 ta' Marzu 2021.

*Artikolu 11*

**Miżuri tranżizzjonali**

Minn mill-25 ta' Diċembru 2019 sat-28 ta' Frar 2021, permezz ta' deroga mir-rekwiżit tal-Punt 1(1) tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1016/2010, l-isem "eco" jista' jintuża għall-programm standard minflok l-isem "programm standard", f'konformità mal-Punt 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

**▼B***Artikolu 12***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Marzu 2021. Madankollu, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 11 għandhom japplikaw mill-25 ta' Diċembru 2019.

**▼M1***Artikolu 13***Ekwivalenza ta' konformità tranżizzjonali**

Jekk l-ebda unità li tappartjeni għall-istess mudell jew għall-mudelli ekwivalenti ma tkun tqiegħdet fis-suq qabel l-1 ta' Novembru 2020, l-unitajiet tal-mudelli mqiegħda fis-suq bejn l-1 ta' Novembru 2020 u t-28 ta' Frar 2021 li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 1016/2010

**▼B**

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



## ANNEX I

### Definizzjonijiet applikabbli għall-annessi

Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika” (EEI) tfisser il-proporzjon tal-konsum tal-enerġija tal-programm eco mal-konsum tal-enerġija tal-programm standard;
- (2) “konsum tal-enerġija tal-programm eco” (EPEC) tfisser il-konsum tal-enerġija ta’ magna tal-ħasil tal-platti domestika għall-programm eco, espress f’kilowatt-siegħa għal kull ċiklu;
- (3) “konsum tal-enerġija tal-programm standard” (SPEC) tfisser il-konsum tal-enerġija meħud bħala referenza bħala funzjoni tal-kapaċità nominali, espress f’kilowatt-siegħa għal kull ċiklu;
- (4) “sett individwali” (si) tfisser sett ta’ oġġetti tal-mejda għal użu minn persuna waħda, li ma jinkludix utensili biex jiġi servut l-ikel;
- (5) “utensili biex jiġi servut l-ikel” tfisser oġġetti għall-preparazzjoni tal-ikel u biex jiġi servut l-ikel, li jistgħu jinkludu borom, skutelli, pużati biex jiġi servut l-ikel u platter;
- (6) “kapaċità nominali” tfisser l-għadd massimu ta’ settijiet individwali flimkien mal-utensili biex jiġi servut l-ikel, li jista’ jiġi mnaddaf, imlaħħa u mnixxef f’ magna tal-ħasil tal-platti domestika f’ċiklu meta jiġi mgħobbi skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, tal-importatur, jew tar-rappreżentant awtorizzat;
- (7) “indiċi tal-prestazzjoni tat-tindif” ( $I_C$ ) tfisser il-proporzjon tal-prestazzjoni tat-tindif ta’ magna tal-ħasil tal-platti domestika mal-prestazzjoni tat-tindif ta’ magna tal-ħasil tal-platti domestika ta’ referenza;
- (8) “indiċi tal-prestazzjoni tat-tnixxif” ( $I_D$ ) tfisser il-proporzjon tal-prestazzjoni tat-tnixxif ta’ magna tal-ħasil tal-platti domestika mal-prestazzjoni tat-tnixxif ta’ magna tal-ħasil tal-platti domestika ta’ referenza;
- (9) “durata tal-programm” ( $T_i$ ) tfisser it-tul ta’ ħin, li jibda fil-bidu tal-programm magħżul, eskluż kwalunkwe dewmien programmat mill-utent, sakemm jiġi indikat tmien il-programm u l-utent ikollu aċċess għat-tagħbija;
- (10) “ċiklu” tfisser proċess sħiħ ta’ tindif, tlaħħi u tnixxif, kif definit mill-programm magħżul, li jikkonsisti minn serje ta’ operazzjonijiet sakemm tieqaf l-attività kollha;
- (11) “modalità mitfi” tfisser kundizzjoni meta l-magna tal-ħasil tal-platti domestika tkun imqabnda mal-mejns tal-elettriku iżda ma taqdi l-ebda funzjoni; dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom ukoll jitqiesu bħala modalità mitfi:
  - (a) kundizzjonijiet li jipprovdu biss indikazzjoni ta’ modalità mitfi;
  - (b) kundizzjonijiet li jipprovdu biss funzjonalitajiet maħsuba għall-iżgurar tal-kompatibbiltà elettromanjetika skont id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>;
- (12) “modalità standby” tfisser kundizzjoni li fiha l-magna tal-ħasil tal-platti domestika tkun imqabnda mal-mejns tal-elettriku, u tkun tipprovdi biss il-funzjonijiet li ġejjin, li jistgħu jdumu għaddejnin għal żmien indefinit:
  - (a) funzjoni ta’ riattivazzjoni, inkella funzjoni ta’ riattivazzjoni u indikazzjoni biss ta’ funzjoni ta’ riattivazzjoni attivata; u/jew
  - (b) funzjoni ta’ riattivazzjoni permezz ta’ konnessjoni ma’ netwerk; u/jew
  - (c) wiri ta’ informazzjoni jew status; u/jew
  - (d) funzjoni ta’ detezzjoni għal miżuri ta’ emerġenza;

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79).

**▼B**

- (13) “network” tfisser infrastruttura ta’ komunikazzjoni b’topoloġija ta’ konnessjonijiet, arkitettura, inkluż il-komponenti fiżiċi, prinċipji organizzattivi, proċeduri u formati tal-komunikazzjonijiet (protokoll);
- (14) “bidu differit” tfisser kundizzjoni fejn l-utent ikun għażel dewmien speċifikat għall-bidu taċ-ċiklu ta’ programm magħżul;
- (15) “spare part” tfisser parti separata li tista’ tissostitwixxi parti bl-istess funzjoni jew funzjoni simili fi prodott;
- (16) “sewwej professjonali” tfisser operatur jew impriża li tipprovdli servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni professjonali tal-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi;
- (17) “konsum tal-ilma tal-programm eco” (EPWC) tfisser il-konsum tal-ilma ta’ magna tal-ħasil tal-platti domestika għall-programm eco, espress f’litri għal kull ċiklu;
- (18) “garanzija” tfisser kwalunkwe impenn li jagħmel il-bejjiegħ bl-imnut jew il-manifattur lill-konsumatur biex:
  - (a) jiġi rimborżat il-prezz imħallas; jew
  - (b) jissostitwixxi, isewwi jew jimmaniġġja l-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi fi kwalunkwe mod jekk dawn ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fid-dikjarazzjoni tal-garanzija jew fir-reklamar rilevanti;

**▼M1**

- (19) “valuri ddikjarati” tfisser il-valuri pprovduti mill-manifattur, mill-importatur jew mir-rappreżentant awtorizzat għall-parametri tekniċi ddikjarati, ikkalkolati jew imkejla f’konformità mal-Artikolu 4, għall-verifika tal-konformità mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.





## ANNEX II

### Rekwiżiti tal-ekodisinn

#### 1. REKWIŻITI TAL-PROGRAMM

Mill-1 Marzu 2021, il-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi għandhom jipprovdu programm eco li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) dan il-programm għandu:
- ikun imsemmi “eco” b’mod ċar fuq il-mezz għall-għażla tal-programm tal-magna tal-ħasil tal-platti domestiċa, fuq id-displej tal-magna tal-ħasil tal-platti domestiċa, jekk ikun hemm, u fuq l-applikazzjoni tan-netwerk rilevanti, jekk ikun hemm;
  - ikun stabbilit bħala l-programm predefinit għal magni tal-ħasil tal-platti domestiċi mgħammra b’għażla awtomatika tal-programmi jew bi kwalunkwe funzjoni li żżomm l-għażla ta’ programm, jew ikun disponibbli għall-għażla diretta mingħajr il-bżonn ta’ għażla oħra bħal temperatura jew tagħbija speċifika, jekk ma jkunx hemm għażla ta’ programm awtomatiku;
- (b) l-isem “eco” għandu jintuża esklussivament għal dan il-programm. L-ifformattjar ta’ “eco” mhuwiex ristrett f’termini ta’ tipa, daqs tat-tipa, sensitività jew kulur. L-unika informazzjoni oħra addizzjonali li tista’ tiġi kkombinata mat-terminu “eco” hija t-temperatura tal-programm eco;
- (c) l-indikazzjonijiet “normali”, “ta’ kuljum”, “regolari” u “standard”, u t-traduzzjonijiet tagħhom fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, ma għandhomx jintużaw fl-ismijiet tal-programmi għall-magna tal-ħasil tal-platti domestiċa, la waħedhom u lanqas flimkien ma’ informazzjoni oħra.

#### 2. REKWIŻITI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

Mill-1 Marzu 2021, il-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) l-Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika (EEI) għandu jkun inqas minn 63.

Mill-1 Marzu 2024, il-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit li ġejj:

- (b) l-EEI għandu jkun inqas minn 56 għall-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi b’kapaċità nominali ta’ 10 settijiet individwali jew aktar.

L-EEI għandu jiġi kkalkulat skont l-Anness III.

#### 3. REKWIŻITI FUNZJONALI

Mill-1 Marzu 2021, il-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) l-indiċi tal-prestazzjoni tat-tindif ( $I_C$ ) għandu jkun ogħla minn 1,12;
- (b) l-indiċi tal-prestazzjoni tat-tnixxif ( $I_D$ ) għandu jkun ogħla minn 1,06 għall-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi li jkollhom kapaċità nominali ta’ aktar minn 7 settijiet individwali;
- (c) l-indiċi tal-prestazzjoni tat-tnixxif ( $I_D$ ) għandu jkun ogħla minn 0,86 għall-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi li jkollhom kapaċità nominali ugwali għal jew inqas minn 7 settijiet individwali.

L- $I_C$  u l- $I_D$  għandhom jiġu kkalkulati skont l-Anness III.

## ▼B

## 4. MODALITAJIET B'KONSUM BAXX

Mill-1 Marzu 2021, il-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) il-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi għandu jkollhom modalità mitfi jew modalità standby, jew it-tnejn. Il-konsum tal-enerġija ta' dawn il-modalitajiet m'għandux ikun ogħla minn 0,50 W;
- (b) jekk il-modalità standby tinkludi l-wiri tal-informazzjoni jew tal-istatus, il-konsum tal-enerġija ta' din il-modalità ma għandux ikun ogħla minn 1,00 W;
- (c) jekk il-modalità standby tipprovdi għal konnessjoni ma' netwerk u tipprovdi kundizzjoni ta' standby man-netwerk, kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 801/2013 <sup>(1)</sup>, il-konsum tal-enerġija ta' din il-modalità ma għandux ikun ogħla minn 2,00 W;
- (d) sa mhux aktar tard minn 15-il minuta wara li tkun inxtegħlet il-magna tal-ħasil tal-platti domestika jew wara li jintemmu kwalunkwe programm u attivitajiet assoċjati, jew wara kull interazzjoni mat-tagħmir, jekk ma tiġi attivata l-ebda modalità oħra, inklużi miżuri ta' emerġenza, it-tagħmir għandu jaqleb awtomatikament għall-modalità mitfi jew għall-modalità standby;
- (e) jekk il-magna tal-ħasil tal-platti domestika tipprovdi għal bidu differit, il-konsum tal-enerġija f'din il-kundizzjoni, inkluż kwalunkwe modalità standby, ma għandux ikun ta' aktar minn 4,00 W. L-utent ma għandux ikun jista' jipprogramma bidu differit għal aktar minn 24 siegħa;
- (f) kwalunkwe magna domestika tal-ħasil tal-platti li tista' tiġi konnessa ma' netwerk għandha tipprovdi l-possibbiltà li l-konnessjoni tan-netwerk tiġi attivata u diżattivata. Il-konnessjoni tan-netwerk għandha tiġi diżattivata b'mod awtomatiku.

## 5. REKWIŻITI TAL-EFFIĊJENZA FIR-RIŻORSI

Mill-1 Marzu 2021, il-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

- (1) disponibbiltà ta' spare parts:
  - (a) il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi għandhom jagħmlu disponibbli għas-sewweġja professjonali mill-anqas l-ispare parts li ġejjin, għal perjodu minimu ta' seba' snin wara l-introduzzjoni fis-suq tal-aħħar unità tal-mudell:
    - il-mutur;
    - il-pompa taċ-ċirkolazzjoni u tat-tbattil;
    - ħiters u elementi tat-tisħin, inklużi l-pompi tas-sħana (separatament jew f'pakkett wieħed);
    - is-sistema tal-pajpijiet u t-tagħmir relatat inklużi l-pajpijiet, il-valvijiet, il-filtri u s-sistemi ta' prevenzjoni ta' ħruġ tal-ilma kollha;
    - il-partijiet strutturali u interni relatati ma' assemblaġġi ta' bibien (separatament jew f'pakkett wieħed);
    - ċirkwiti stampati;
    - displejs elettroniċi;
    - pressostati;
    - termostati u sensors;
    - software u firmware, inkluż software għar-risettjar;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 801/2013 tat-22 ta' Awwissu 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1275/2008 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-konsum tal-elettriku ta' tagħmir tal-elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju f'modalità standby u f'modalità mitfi, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 642/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għat-televixins (ĠU L 225, 23.8.2013, p. 1).

## ▼B

- (b) il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati ta' magni tal-ħasil tal-platti domestiċi għandhom jagħmlu disponibbli mill-inqas dawn l-ispare parts għas-sewweġja professjonali u għall-utenti aħħarin: ċappetti u s-siġilli tal-bibien, siġilli oħrajn, partijiet li jisprejjaw l-ilma, filtri tal-ilma ta' skart, xkafef ta' ġewwa u elementi periferali tal-plastik bħal qfuf u għotjien, għal perjodu minimu ta' għaxar snin wara t-tqegħid fis-suq tal-aħħar unità tal-mudell;
- (c) il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati ta' magni tal-ħasil tal-platti domestiċi għandhom jiżguraw li l-ispare parts imsemija fil-punti (a) u (b) ikunu jistgħu jinbidlu bl-użu ta' għodod faċilment disponibbli, u mingħajr ma ssir ħsara permanenti lill-apparat;
- (d) il-lista tal-ispare parts ikkonċernati mill-punt (a), u l-proċedura għall-ordni tagħhom għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web b'aċċess bla ħlas tal-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat, mhux aktar tard minn sentejn wara t-tqegħid fis-suq tal-ewwel unità ta' mudell u sat-tmiem tal-perjodu ta' disponibbiltà ta' dawn l-ispare parts;
- (e) il-lista tal-ispare parts ikkonċernati mill-punt (b), u l-proċedura għall-ordni tagħhom u l-istruzzjonijiet għat-tiswija għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web b'aċċess bla ħlas tal-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat meta titqiegħed fis-suq l-ewwel unità ta' mudell, u sat-tmiem tal-perjodu ta' disponibbiltà ta' dawn l-ispare parts;
- (2) żmien massimu għall-konsenja tal-ispare parts:
- (a) matul il-perjodu msemmi fil-punt (1), il-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat għandu jiżgura l-konsenja tal-ispare parts fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara l-wasla tal-ordni;
- (b) fil-każ tal-ispare parts ikkonċernati mill-punt (1)(a), id-disponibbiltà tal-ispare parts tista' tkun limitata għal sewweġja professjonali reġistrati skont il-punt (3)(a) u (b);
- (3) aċċess għal Informazzjoni dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni:
- wara perjodu ta' sentejn mit-tqegħid fis-suq tal-ewwel unità ta' mudell, u sa tmiem il-perjodu msemmi f'(1), il-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat għandu jipprovdi aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-apparat lis-sewweġja professjonali fil-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) is-sit web tal-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat għandu jindika l-proċess li jridu segwu s-sewweġja professjonali biex jirreġistraw għall-aċċess għall-informazzjoni; biex jaċċettaw tali talba, il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati jistgħu jitolbu lis-sewweġja professjonali juri li:
- (i) is-sewweġja professjonali għandu l-kompetenza teknika biex isewwi l-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi u li dan huwa konformi mar-regolamenti applikabbli għas-sewweġja tat-tagħmir elettriku fl-Istati Membri fejn jopera. Referenza għal sistema ta' reġistrazzjoni uffiċjali bħala sewweġja professjonali, fejn sistema bħal din tkun teżisti fl-Istati Membri kkonċernati, għandha tiġi aċċettata bħala prova ta' konformità ma' dan il-punt;
- (ii) is-sewweġja professjonali huwa kopert minn assigurazzjoni li tkopri r-responsabbiltajiet li jirriżultaw mill-attività tiegħu, irrispettivament minn jekk dan huwiex meħtieġ jew le mill-Istat Membru;
- (b) il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jaċċettaw jew jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba;

## ▼B

- (c) il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati jistgħu jitolbu h̄las raġonevoli u proporzjonat għall-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni jew biex jibgħatu aġġornamenti regolari. H̄las jitqies raġonevoli jekk ma jiskoraġġixx l-aċċess billi jonqos milli jqis il-punt safejn is-sewwej professjonali jagħmel użu mill-informazzjoni;

ladarba jiġi rreġistrat, sewwej professjonali għandu jkollu aċċess, fi żmien jum wieħed tax-xogħol wara li jkun talabha, għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni. L-informazzjoni tista' tiġi pprovduta għal mudell jew għal mudell ekwivalenti tal-istess familja, jekk rilevanti;

L-informazzjoni disponibbli dwar it-tiswija u l-manutenzjoni għandha tinkludi:

- l-identifikazzjoni mhux ekwivoka tal-apparat;
  - mappa taż-żarmar jew dijagramma kompożittiva;
  - lista tat-tagħmir meħtieġ għat-tiswija u l-ittestjar;
  - l-informazzjoni dwar il-komponenti u informazzjoni dijanjostika (bħal valuri teoretiċi minimi u massimi tal-kejl);
  - dijagramma deskrittiva tas-sistema tal-wajers u tas-sistema ta' konnessjoni;
  - kodiċijiet dijanjostiċi tal-ħsara u tal-errur (inklużi kodiċijiet speċifiċi tal-manifattur, fejn applikabbli);
  - struzzjonijiet għall-installazzjoni tas-software u tal-firmware rilevanti, inkluż is-software għar-risettjar; u
  - informazzjoni dwar kif isir l-aċċess għar-rekords tad-*data* ta' inċidenti ta' ħsara rrappurtati u maħżuna fil-magna tal-ħasil tal-platti domestika (fejn applikabbli);
- (4) rekwiżiti ta' informazzjoni għall-gassijiet refriġeranti:

mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup>, għal magni tal-ħasil tal-platti domestiċi mgħammra b'pompa tas-sħana, għandu jintwera b'mod permanenti u b'mod viżibbli u li jinqara fuq in-naħa ta' barra tal-apparat, pereżempju fuq il-pannell ta' wara, l-isem kimiku tal-gass refriġeranti użat, jew referenza ekwivalenti bħal simbolu, tikketta jew logo li jintuża u jkun jinftehem komunement. Jistgħu jintużaw aktar minn referenza waħda għall-istess isem ta' sustanza kimika;

- (5) rekwiżiti għaż-żarmar għall-irkupru u r-riċiklaġġ tal-materjali filwaqt li jiġi evitat it-tniġġis:

- il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jiżguraw li l-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi jkunu ddisinjati b'tali mod li l-materjali u l-komponenti msemmija fl-Anness VII tad-Direttiva 2012/19/UE jkunu jistgħu jiġu żarmati bl-użu ta' għodod faċilment disponibbli;
- il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fil-Punt 1 tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2012/19/UE.

## 6. REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI

L-istruzzjonijiet għall-utent u għall-installatur għandhom jiġu pprovduti fil-forma ta' manwal għall-utenti fuq sit web bla h̄las tal-manifattur, tal-importatur jew tar-rappreżentant awtorizzat, u għandhom jinkludu:

- (1) informazzjoni li tiddikjara l-programm eco huwa adattat għat-tindif ta' oġġetti tal-mejda li ma jkunux maħmuġin aktar min-normal, u li għal dan l-użu, huwa l-aktar programm effiċjenti f'termini tal-konsum ikkombinat tiegħu ta' enerġija u ilma u li jintuża biex tiġi vvalutata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ekodisinn;

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195-203).

**▼B**

- (2) informazzjoni li tiddikjara li jekk l-utent jgħabbi l-magna tal-ħasil tal-platti domestika sal-kapaċità indikata mill-manifattur, dan jikkontribwixxi għal iffrankar tal-enerġija u tal-ilma, u informazzjoni dwar it-tagħbija korretta ta' oġġetti tal-mejda u l-konsegwenzi ewlenin ta' tagħbija żbaljata;
- (3) informazzjoni li tiddikjara li t-tlaħliħ manwali minn qabel ta' oġġetti tal-mejda jwassal għal żieda fil-konsum tal-ilma u tal-enerġija, u għalhekk mhuwiex rakkomandat;
- (4) informazzjoni li tiddikjara li l-ħasil ta' oġġetti tal-mejda f' magna tal-ħasil tal-platti domestika normalment jikkonsma inqas enerġija u ilma fil-faġi tal-użu minn ħasil tal-platti bl-idejn meta l-magna tal-ħasil tal-platti domestika tintuża skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;
- (5) valuri dwar id-durata tal-programm, il-konsum tal-enerġija u tal-ilma għall-programmi kollha li joffru ċiklu;
- (6) informazzjoni li l-valuri mogħtija għall-programmi għajr il-programm eco huma biss indikattivi; u,
- (7) struzzjonijiet dwar kif tinstab l-informazzjoni dwar il-mudell maħżuna fil-bażi tad-*data* tal-prodotti, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/2017 permezz ta' link elettronika li tirreferi għat-tagħrif dwar il-mudell kif irreġistrat fil-bażi tad-*data* tal-prodotti jew link elettronika li twassal għall-bażi tad-*data* tal-prodotti u għal informazzjoni dwar kif wieħed isib l-identifikatur tal-mudell fuq il-prodott.

L-istruzzjonijiet għall-utent għandhom jinkludu wkoll struzzjonijiet biex l-utent ikun jista' jwettaq operazzjonijiet ta' manutenzjoni. Dawn l-istruzzjonijiet għandhom mill-inqas jinkludu struzzjonijiet għal:

- (8) installazzjoni korretta (inkluż il-pożizzjonament orizzontali livellat, il-konnessjoni mal-mejns tal-elettriku, il-konnessjoni mal-bokok tal-ilma kiesaħ u/jew sħun jekk ikun xieraq);
- (9) l-użu korrett tad-deterġent, tal-melħ u ta' addittivi oħra, u l-konsegwenzi ewlenin ta' dożaġġ mhux korrett;
- (10) it-tneħħija ta' oġġetti barranin mill-magna tal-ħasil tal-platti domestika;
- (11) it-tindif perjodiku, inkluża l-frekwenza ottimali u l-prevenzjoni tal-akkumulazzjoni tal-ġebla, u l-proċedura;
- (12) kontrolli perjodiċi tal-filtri, inklużi l-frekwenza ottimali, u l-proċedura;
- (13) identifikazzjoni tal-erruri, it-tifsira tal-erruri, u l-azzjoni meħtieġa, inkluża l-identifikazzjoni ta' erruri li jeħtieġu assistenza professjonali;
- (14) kif wieħed jaċċessa t-tiswija professjonali (paġni web, indirizzi tal-Internet, dettalji ta' kuntatt).

Dawn l-istruzzjonijiet għandhom jinkludu wkoll informazzjoni dwar:

- (15) l-implikazzjonijiet ta' tiswija mill-utent jew minn persuni mhux professjonali għas-sikurezza tal-utent aħħari u għall-garanzija;
- (16) il-perjodu minimu li matulu jkunu disponibbli l-ispare parts għall-magna tal-ħasil tal-platti domestika.

**▼B***ANNEX III***Metodi ta' kejl u ta' kalkolu**

Għall-finijiet tal-konformità u tal-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-kejl u l-kalkoli għandhom isiru bl-użu ta' standards armonizzati li n-numri ta' referenza tagħhom ikunu ġew ippubblikati għal dan il-għan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew permezz ta' metodi oħra affidabbli, akkurati u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ġeneralment rikonoxxuti tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u li huma konformi mad-dispożizzjonijiet li ġejjin.

**▼M1**

Meta parametru jiġi ddikjarat skont l-Artikolu 4, il-valur iddikjarat tiegħu għandu jintuża mill-manifattur, mill-importatur jew mir-rappreżentant awtorizzat għall-kalkoli f'dan l-Anness.

**▼B**

Il-programm eco bil-kapaċità nominali għandu jintuża għall-kejl u l-kalkolu tal-Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika (EEI), tal-konsum tal-ilma, tad-durata tal-programm, tal-prestazzjoni tat-tindif u tat-tnixxif, u tal-emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja ta' mudell ta' magna tal-ħasil tal-platti domestika. Il-konsum tal-enerġija, il-konsum tal-ilma, id-durata tal-programm u l-prestazzjoni tat-tindif u tat-tnixxif għandhom jitkejlu fl-istess ħin.

Il-konsum tal-ilma tal-programm eco (EPWC) huwa espress f'litri/ċiklu, imqarreb sal-ewwel pożizzjoni deċimali.

Id-durata tal-programm eco ( $T_t$ ) hija espressa f'sigħat u minuti, imqarriba sal-eqreb minuta.

**1. INDIĊI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA**

Għall-kalkolu tal-EEI ta' mudell ta' magna tal-ħasil tal-platti domestika, il-konsum tal-enerġija tal-programm eco ("EPEC") tal-magna tal-ħasil tal-platti domestika jiġi mqabbel mal-konsum tal-enerġija standard tal-programm ("SPEC") tagħha.

(a) L-EEI jiġi kkalkulat kif ġej u jitqarreb għal pożizzjoni deċimali waħda:

$$EEI = (EPEC/SPEC) \times 100$$

fejn:

EPEC huwa l-konsum tal-enerġija tal-programm eco tal-magna tal-ħasil tal-platti domestika mkejjejl f'kWh/ċiklu, imqarreb għal tliet pożizzjonijiet deċimali;

SPEC huwa l-konsum tal-enerġija tal-programm standard tal-magna tal-ħasil tal-platti domestika.

(b) L-SPEC jiġi kkalkulat f'kWh/ċiklu, imqarreb għal tliet pożizzjonijiet deċimali kif ġej:

(i) għal magni tal-ħasil tal-platti domestiċi b'kapaċità nominali ta'  $ps \geq 10$  u wisa' ta'  $> 50$  cm:

$$SPEC = 0,025 \times ps + 1,350$$

(ii) għal magni tal-ħasil tal-platti domestiċi b'kapaċità nominali ta'  $ps \leq 9$  jew wisa' ta'  $\leq 50$  cm:

$$SPEC = 0,090 \times ps + 0,450$$

fejn ps huwa n-numru ta' settijiet individwali.

▼ **M1**

## 2. INDIĊI TAL-PRESTAZZJONI TAT-TINDIF

Għall-kalkolu tal-indiċi tal-prestazzjoni tat-tindif ( $I_C$ ) ta' mudell ta' magna tal-ħasil tal-platti domestika, il-prestazzjoni tat-tindif tal-programm "eco" titqabbel mal-prestazzjoni tat-tindif ta' magna tal-ħasil tal-platti ta' referenza.

L- $I_C$  jiġi kkalkolat kif ġej u mqarreb sat-tielet pożizzjoni deċimali:

$$I_C = \exp (\ln I_C)$$

u

$$\ln I_C = (1/n) \times \sum_{i=1}^n \ln (C_{T,i}/C_{R,i})$$

fejn:

$C_{T,i}$  hija l-prestazzjoni tat-tindif tal-programm "eco" tal-magna tal-ħasil tal-platti domestika li tkun qed tiġi ttestjata għal prova waħda (i), imqarriba sat-tielet pożizzjoni deċimali;

$C_{R,i}$  hija l-prestazzjoni tat-tindif tal-magna tal-ħasil tal-platti ta' referenza għal prova waħda (i), imqarriba sat-tielet pożizzjoni deċimali;

n hija n-numru ta' testijiet.

## 3. INDIĊI TAL-PRESTAZZJONI TAT-TNIXXIF

Għall-kalkolu tal-indiċi tal-prestazzjoni tat-tnixxif ( $I_D$ ) ta' mudell ta' magna tal-ħasil tal-platti domestika, il-prestazzjoni tat-tnixxif tal-programm "eco" titqabbel mal-prestazzjoni tat-tnixxif tal-magna tal-ħasil tal-platti ta' referenza.

L- $I_D$  jiġi kkalkolat kif ġej u mqarreb sat-tielet pożizzjoni deċimali:

$$I_D = \exp (\ln I_D)$$

u

$$\ln I_D = (1/n) \times \sum_{i=1}^n \ln(I_{D,i})$$

fejn:

$I_{D,i}$  hija l-indiċi tal-prestazzjoni tat-tnixxif tal-programm "eco" tal-magna tal-ħasil tal-platti domestika li tkun qed tiġi ttestjata għal prova waħda (i);

n hija n-numru ta' testijiet kombinati tat-tindif u tat-tnixxif.

L- $I_{D,i}$  jiġi kkalkolat kif ġej u mqarreb sat-tielet pożizzjoni deċimali:

$$\ln I_{D,i} = \ln (D_{T,i} / D_{R,i})$$

fejn:

$D_{T,i}$  hija l-punteġġ medju tal-prestazzjoni tat-tnixxif tal-programm "eco" tal-magna tal-ħasil tal-platti domestika li tkun qed tiġi ttestjata għal prova waħda (i), imqarreb sat-tielet pożizzjoni deċimali;

$D_{R,i}$  hija l-punteġġ fil-mira tat-tnixxif tal-magna tal-ħasil tal-platti ta' referenza, imqarreb sat-tielet pożizzjoni deċimali.

## 4. MODALITAJIET B'KONSUM TAL-ENERĠIJA BAXX

Fejn applikabbli, il-konsum tal-enerġija tal-modalità mitfi ( $P_o$ ), tal-modalità standby ( $P_{sm}$ ) u bidu differit ( $P_{ds}$ ) jitkejlu, espressi f'W, u jitqarribu sat-tieni pożizzjoni deċimali.

Matul il-kejl tal-konsum tal-enerġija f'modalitajiet b'konsum tal-enerġija baxx, dawn li ġejjin għandhom jiġu ċċekkjati u rreġistrati:

il-wiri jew le ta' informazzjoni;

l-attivazzjoni jew le ta' konnessjoni man-network.

**▼B***ANNEX IV***Proċedura ta' verifika għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq****▼M1**

It-tolleranzi tal-verifika ddefiniti f'dan l-Anness għandhom x'jaqsmu biss mal-verifika mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-valuri ddikjarati u ma għandhomx jintużaw mill-manifattur, mill-importatur jew mir-rappreżentant awtorizzat bħala tolleranza permessa biex jiġu stabbiliti l-valuri fid-dokumentazzjoni teknika jew biex jiġu interpretati dawn il-valuri ħalli tinkiseb il-konformità jew biex tiġi kkomunikata prestazzjoni aħjar b'xi mod.

**▼B**

Meta mudell ikun ġie ddisinjat biex ikun kapaċi jinduna li qed jiġi ttestjat (eż. billi jirrikonoxxi l-kundizzjonijiet tat-test jew iċ-ċiklu tat-test), u biex jirreaġixxi b'mod speċifiku billi jbidel awtomatikament il-prestazzjoni tiegħu matul it-test bl-oġġettiv li jintlaħaq livell aktar favorevoli għal kull wieħed mill-parametri speċifikati f'dan ir-Regolament jew inklużi fid-dokumentazzjoni teknika jew f'xi dokumentazzjoni pprovduta, il-mudell u l-mudelli ekwivalenti kollha għandhom jitqiesu li mhumiex konformi.

►**M1** Bħala parti mill-verifika tal-konformità ◀ ta' mudell tal-prodott mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/125/KE, għar-rekwiżiti msemmija f'dan l-Anness, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw din il-proċedura li ġejja:

- (1) l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jivverifikaw unità waħda tal-mudell;
- (2) il-mudell għandu jitqies bħala konformi mar-rekwiżiti applikabbli, jekk:
  - (a) il-valuri mogħtija fid-dokumentazzjoni teknika skont il-punt (2) tal-Anness IV tad-Direttiva 2009/125/KE (il-valuri dikjarati) u, meta applikabbli, il-valuri użati għall-kalkolu ta' dawn il-valuri, ma jkunux aktar favorevoli għall-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat milli jkunu r-riżultati tal-kejl korrispondenti mwettaq skont il-paragrafu (g) tiegħu; u
  - (b) il-valuri dikjarati jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, u kull informazzjoni meħtieġa dwar il-prodott li jippubblikaw il-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat ma jkunx fiha valuri aktar favorevoli għall-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat mill-valuri dikjarati; u
  - (c) meta l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiċċekkjaw l-unità tal-mudell, huma jsibu li l-manifattur, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat ikun implimenta sistema li tikkonforma mar-rekwiżiti tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 6; u

**▼M1**

- (d) meta l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiċċekkjaw l-unità tal-mudell, din tikkonforma mar-rekwiżiti fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 6, mar-rekwiżiti tal-programm fil-punt 1, mar-rekwiżiti tal-effiċjenza fir-riżorsi fil-punt 5 u mar-rekwiżiti tal-informazzjoni fil-punt 6 tal-Anness II; kif ukoll

**▼B**

- (e) meta l-awtoritajiet tal-Istati Membri jittestjaw l-unità tal-mudell, il-valuri ddeterminati (il-valuri tal-parametri rilevanti kif imkejla waqt it-testijiet u l-valuri kkalkulati minn dan il-kejl) ikunu konformi mat-tolleranzi tal-verifika rispettivi mogħtija fit-Tabella 1;
- (3) jekk ma jinkisbux ir-riżultati msemmija fil-punti (2)(a), (b), (c) jew (d), il-mudell u l-mudelli ekwivalenti kollha għandhom jitqiesu li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament;



**▼B**

- (4) jekk ma jinkisibx ir-riżultat imsemmi fil-punt (2)(e), l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jagħżlu tliet unitajiet oħra tal-istess mudell biex jiġu ttestjati. B'mod alternattiv, it-tliet unitajiet l-oħra magħżula jistgħu jkunu ta' mudell(i) ekwivalenti;
- (5) il-mudell għandu jitqies konformi mar-rekwiżiti applikabbli jekk, għal dawn it-tliet unitajiet, il-medja aritmetika tal-valuri ddeterminati tkun fi ħdan it-tolleranzi tal-verifika rispettivi mogħtija fit-Tabella 1;
- (6) jekk ma jinkisibx ir-riżultat imsemmi fil-punt (5), il-mudell u l-mudelli ekwivalenti kollha għandhom jitqiesu li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament;

**▼M1**

- (7) L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien wara li tittieħed deċiżjoni dwar in-nuqqas ta' konformità tal-mudell skont il-punti 3, 6 jew it-tieni paragrafu ta' dan l-Anness.

**▼B**

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu stabbiliti fl-Anness III.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw biss it-tolleranzi tal-verifika stabbiliti fit-Tabella 1 u għandhom jużaw biss il-proċedura deskritta fil-punti 1 sa 7 għar-rekwiżiti msemmija f'dan l-Anness. Għall-parametri tat-Tabella 1, ma għandha tiġi applikata l-ebda tolleranza oħra, lanqas dawk stabbiliti fi standards armonizzati jew fi kwalunkwe metodu ieħor ta' kejl.

Tabella 1

**Tolleranzi tal-verifika**

Parametru	Tolleranzi tal-verifika
Il-konsum tal-enerġija tal-programm eco (EPEC)	Il-valur iddeterminat (*) ma għandux ikun ogħla mill-valur EPEC dikjarat b'aktar minn 5 %.
Il-konsum tal-ilma tal-programm eco (EPWC)	Il-valur iddeterminat (*) ma għandux ikun ogħla mill-valur EPWC dikjarat b'aktar minn 5 %.
Indiċi tal-prestazzjoni tat-tindif ( $I_C$ )	Il-valur iddeterminat (*) ma għandux ikun inqas mill-valur $I_C$ dikjarat b'aktar minn 14 %.
Indiċi tal-prestazzjoni tat-tnixxif ( $I_D$ )	Il-valur iddeterminat (*) ma għandux ikun inqas mill-valur $I_D$ dikjarat b'aktar minn 12 %.
Durata tal-programm ( $T_t$ )	Il-valur iddeterminat (*) ma għandux ikun akbar mill-valur dikjarat b'aktar minn 5 % jew 10 minuti, skont liema jkun l-itwal.
Il-konsum tal-enerġija fil-modalità mitfi ( $P_o$ )	Il-valur iddeterminat (*) għall-konsum tal-enerġija $P_o$ ma għandux ikun ogħla mill-valur dikjarat b'aktar minn 0,10 W.
Il-konsum tal-enerġija elettrika fil-modalità standby ( $P_{sm}$ )	Il-valur iddeterminat (*) għall-konsum tal-enerġija, $P_{sm}$ ma għandux ikun ogħla mill-valur dikjarat b'aktar minn 10 % jekk il-valur dikjarat ikun ogħla minn 1,00 W, jew b'aktar minn 0,10 W jekk il-valur dikjarat ikun inqas minn jew ugwali għal 1,00 W.
Il-konsum tal-enerġija elettrika fil-modalità bidu differit ( $P_{ds}$ )	Il-valur iddeterminat (*) għall-konsum tal-enerġija, $P_{ds}$ ma għandux ikun ogħla mill-valur dikjarat b'aktar minn 10 % jekk il-valur dikjarat ikun ogħla minn 1,00 W, jew b'aktar minn 0,10 W jekk il-valur dikjarat ikun inqas minn jew ugwali għal 1,00 W.

(\*) Fil-każ ta' ttestjar ta' tliet unitajiet addizzjonali skont kif preskritt fil-punt 4, il-valur iddeterminat ifisser il-medja aritmetika tal-valuri ddeterminati għal dawn it-tliet unitajiet addizzjonali.



## ANNEX V

## Parametri referenzjarji

1. PARAMETRI REFERENZJARJI INDIKATTIVI GĦALL-MAGNI TAL-ĦASIL TAL-PLATTI DOMESTIĊI FIR-RIGWARD TAL-KONSUM TAL-ILMA U TAL-ENERĠIJA, L-EMISSJONIJIET TA' STORBJU AKUSTIKU FL-ARJA U D-DURATA TAL-PROGRAMM

Fiż-żmien li dan ir-Regolament daħal fis-seħħ, ġie ddeterminat li l-aħjar teknoloġija disponibbli fis-suq tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti f'termini tal-effiċjenza enerġetika, tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma, tal-emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja u tad-durata tal-programm eco kienet din li tidher hawn taħt:

(1) magni tal-ħasil tal-platti domestiċi b'kapaċità ta' 14-il sett individwali (mingħajr teknoloġija tal-pompa tas-sħana):

(a) konsum tal-elettriku: 0,67 kWh/ċiklu;

(b) konsum tal-ilma: 9,9 L/ċiklu;

(c) emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja: 44 dB(A);

(d) durata tal-programm: 222 minuta (3 sigħat u 42 minuta);

(2) magni tal-ħasil tal-platti domestiċi b'kapaċità ta' 13-il sett individwali (b'teknoloġija tal-pompa tas-sħana):

(a) konsum tal-elettriku: 0,55 kWh/ċiklu;

(b) konsum tal-ilma: 8,8 L/ċiklu;

(c) emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja: 46 dB(A);

(d) durata tal-programm: 295 minuta (4 sigħat u 55 minuta);

(3) magni tal-ħasil tal-platti domestiċi b'kapaċità ta' 10 settijiet individwali:

(a) konsum tal-elettriku: 0,66 kWh/ċiklu;

(b) konsum tal-ilma: 9,5 L/ċiklu;

(c) emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja: 44 dB(A);

(d) durata tal-programm: 195 minuta (3 sigħat u 15 minuta);

(4) magni tal-ħasil tal-platti domestiċi b'kapaċità ta' 6 settijiet individwali:

(a) konsum tal-elettriku: 0,62 kWh/ċiklu;

(b) konsum tal-ilma: 8,0 L/ċiklu;

(c) emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja: 48 dB(A);

(d) durata tal-programm: 225 minuta (3 sigħat u 45 minuta).

2. PARAMETRI REFERENZJARJI INDIKATTIVI GĦALL-MAGNI TAL-ĦASIL TAL-PLATTI DOMESTIĊI RIGWARD IL-KONSUM TAL-ENERĠIJA FIL-MODALITAJIET B'KONSUM TAL-ENERĠIJA BAXX

Fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-aħjar teknoloġija disponibbli fis-suq għall-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi f'termini tal-konsum tagħhom tal-enerġija fil-modalitajiet b'konsum tal-enerġija baxx kienet din li tidher hawn taħt:

(1) modalità standby: 0,20 W;

(2) kundizzjoni ta' standby man-netwerk: Ethernet 0,60 W, Wi-Fi 0,70 W.